11 ta' Marzu, 1955

Imħallfin :
Chev. Onor. W. Harding, B.Litt., LL.D., *A/Pres.*;
Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.;
Onor. Dr. A. V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

Beltram Camilleri *versus* Paolo Pace ne.

**Appell lill-Maestà Tagħha r-Reġina fil-Kunsill Privat — Libell — Ministru — Order in Council tat-22 ta' Novembru, 1910**

***L-unur ta' individwu huwa indiskutibilment haġa prezzjuża; iżda b'daqshekk mhux kwistjoni ta' importanza kbira ġenerali jew***

*publiko, jew xort'oħra, kif irid ikun skond il-liġi biex jiġi ammess appell fid-diskrezzjoni tal-Qorti lill-Maestà Tagħha r-Reġina fil-Kunsill Privat minn sentenza li tkun iddisponiet minn kwistjoni li tirrigwarda l-unur tal-kwerelant li jħossu nġurjat b'artikolu stampat f'ġurnal; u dan avvolja l-imputazzjoni nġurjuża tkun saret lill Ministru tal-Gvern, imma tkun tirrigwarda, mhux l-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu ta' Ministru, immo epoka preċedenti meta huwa ma kienx Ministru.*

*Biex il-Qorti teżerċita l-poter diskrezzjonali tagħha li tagħti permess "ex gratia" għal appell lill-Privy Council, jeħtieġ li l-kwistjoni bħala tali, bħala "quaestio juris", tkun ta' importanza publika jew ġenerali, jew xort'oħra; u mhix tali kwistjoni li, apparti l-apprezzament tal-fatti, tirrigwarda l-applikazzjoni tal-prinċipji ordinarji f'materja ta' libell, u xejn aktar.*

*Fil-każ preżenti, l-attur, fi żmien meta kien Ministru tal-Gvern, ġie lilu attribwit li qabel ma sar Ministru kien aċċetta "bribe" bħala straġjarju f'kawża nominat mill-Qorti, u għamel kawża lill-editur tal-ġurnal fejn deher l-artikolu kontenenti dik l-imputazzjoni. Il-konvenut assuma li jipprova l-verità tal-fatti, u l-Qorti żammet li huwa rnexxa f'din il-prova, u ħelset lill-konvenut mir-responsabilità għad-danni mitlubin mill-attur. U b'applikazzjoni tal-prinċipji fuq esposti l-Qorti ċaħdet it-talba ta' l-attur biex jottjeni l-permess biex jappella minn dik is-sentenza lill-Maestà Tagħha r-Reġina fil-Kunsill Privat "ex gratia".*

Il-Qorti — Rat il-petizzjoni ta' l-imsemmi Beltram Camilleri, li biha espona illi b'ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina hu talab il-kundanna tal-konvenut, allura editur tal-ġurnal "Patria!", għall-ħlas ta' somma ta' flus li tiġi likwidata mill-Qorti, sa £100, in vista ta' publikazzjoni fl-imsemmi ġurnal tat-13 ta' Awissu, 1949, ta' Nota tad-Direzzjoni li l-esponenti sostna li kienet libelluża għalih; illi b'sentenza mogħtija fl-4 ta' Ottubru, 1954, l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili aderiet għall-istanza ta' l-attur, u kkundannat lill-konvenut biex iħallas lill-esponenti, in linea ta' danni morali, is-somma ta' £25, oltre l-ispejjeż, barra dawk ġa deċiżi xort'oħra; illi l-konvenut

interpona appell minn din is-sentenza *b'nota* tal-11 ta' Ottubru, 1954, u b'petizzjoni preżentata quddiem din l-Onorabbli Qorti fit-12 ta' Ottubru, 1954, talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza tal-prima istanza, bl-ispejjeż *kontra* l-esponenti; illi b'sentenza mogħtija fl-14 ta' Jannar, 1955, din l-Onorabbli Qorti laqgħet l-appell tal-konvenut, irrevokat is-sentenza appellata, u ċaħdet l-istanza ta' l-attur, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur sokkombent; illi l-esponenti ħass ruħu aggravat minn din is-sentenza, u jixtieq jinterponi appell minnha lill-Kunsill Privat tal-Maestà Tagħha f'Londra; illi l-esponent jibbaża din it-talba tiegħu fuq l-art. 2 (b) tar-Regolamenti li jirregolaw l-appelli lill-Maestà Tagħha maħruġa bl-Ordni fil-Kunsill tat-22 ta' Novembru, 1909, kif emendat bl-Ordni fil-Kunsill ieħor tal-5 ta' Novembru, 1942; u għalhekk talab li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tagħtieħ il-permess meħtieġ għaliex jappella lill-Kunsill Privat tal-Maestà Tagħha mis-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti ta' l-14 ta' Jannar, 1955;

Rat ir-risposta tal-konvenut, li biha hu oppona t-talba ta' l-attur għall-permess biex jappella lill-Kunsill Privat tal-Maestà Tagħha r-Reġina, billi l-kwistjoni involuta ma hijiex ta' importanza tali li tistħoqqilha li titressaq quddiem l-imsemmi Kunsill Privat;

Trattat l-inċident;

Ikkunsidrat;

Skond l-Order-in-Council li jirregola l-appelli mill-Qorti ta' l-Appell ta' Malta lill-Maestà Tagħha r-Reġina fil-Kunsill (Vol. VI Ediz. Riv., p. 313 et seq.), hemm appell "as of right" fil-każ kontemplat fl-inċiż (a) ta' l-art. 2 ta' dak l-Order (p. 315); u jista' jsir appell "at the discretion of the Court" fil-każ illi (inċiż (b) ta' l-istess artikolu) " ...... in the opinion of the Court, the question involved in the appeal is one which by reason of its great general or public importance, or otherwise, ought to be submitted to Her Majesty in Council for decision";

Kif jidher mill-petizzjoni, it-talba ta' l-attur hi bażata fuq l-inċiż (b); u ma setgħetx kienet bażata *fuq l-inċiż* (a), għaliex skond il-liġi (Kap. 117, art. 31), il-limiti tad-danni, kif

mitlubin fić-ćitazzjoni odjerna, hu ta' £100, mentri għall-jedd *ta' appell skond* l-inćiż (a) jeħtieġ li l-valur tat-talba jkun għall-anqas ta' £500;

Issa, din il-Qorti ma tħossx li l-kwistjoni involuta hi tali li tiġġustifikaha li teżerćita favorevolment id-diskrezzjoni tagħha. L-unur ta' individwu hu indiskutibilment, kif issottometta d-difensur ta' l-attur, ħaġa prezzjuża; iżda b'daqshekk ma ssirx kwistjoni ta' importanza kbira ġenerali jew publika, jew xort'oħra. Għalkemm, meta saritlu l-imputazzjoni formanti l-meritu tal-kawża, l-attur kien Ministru, l-imputazzjoni *però kienet tirrigwarda* mhux l-eżerćizzju tal-funzjonijiet tiegħu ta' Ministru, iżda epoka preċedenti li fiha hu kien ġie nominat mill-Qorti stralċjarju stante l-professjoni tiegħu ta' "accountant", u għalhekk kienet ġiet ammessa l-prova talverità in bażi għall-inćiż (c) ta' l-art. 16 Kap. 117 Ediz. Riveduta. F'każ simili, hu fl-interess tal-publiku li l-fatti jiġu appurati; imma din hija konsiderazzjoni li tirrigwarda l-fatti, mentri, biex ikun hemm lok għall-eżerćizzju tad-diskrezzjoni ta' din il-Qorti, jeħtieġ li l-kwistjoni, bħala tali, bħala "*quaestio juris*", tkun ta' importanza kbira ġenerali jew publika, jew xort'oħra;

F'dan il-każ, inveće, si tratta ta' kwistjoni li, apparti l-apprezzament tal-fatti, tirrigwarda l-applikazzjoni sempliċi tal-prinċipji ordinarji f'materja ta' libell, u xejn aktar. Anki jekk għall-attur il-kwistjoni ta' fatt hi gravi, ma hemm xejn fiha ta' importanza "eċċezzjonali" (Appell "Huber ne. vs. Mattei", 22 ta' Frar, 1915). Ma hemm involut ebda "pont ta' dritt speċjali u ġdid li sejjer jiggoverna każijiet oħra; ma hemmx xi kwistjoni dwar drittijiet fiskali tal-Kuruna; ma hemmx xi interpretazzjoni ("construction") ta' xi Att lokali; jew xi pont ta' dritt dwar interpretazzjoni tal-Karta Kostituzzjonali. Dawn, u oħrajn "ejusdem generis", huma kwistjonijiet li jimmeritaw li jitressqu quddiem il-Privy Council (ara deċiżjonijiet riportati fil-Volum XXVI-I-862 u XXXI-I-29 u 136). Hu ċar li l-kwistjoni odjerna ma hijiex tali;

Għalhekk tiddeċidi;

Billi tiċħad it-talba, bl-ispejjeż kontra l-attur.

---